MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Numru. 405/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs.**

**William Farrugia u**

**Michael Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

William Farrugia ta’ 25 sena mwieled Pieta fl-10 ta’ Awwissu 1983 bin Alfred u Nazzarena nee’ Gheiti, residenti nru: Blk 1, Triq ir-Rettur Dun Salv Farrugia, Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita’ nru 0404683M

u

Michael Farrugia ta’ 24 sena mwieled Pieta’ fl-10 ta’ Novembru, 1983 bin Joseph u Margaret nee’ Laulor residenti nru: ‘Qorru Farm House’, Triq Wied Ganu, Zurrieq u detentur tal-karta ta’ l-identita’ nru: 0597283M

Akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. Talli fil-lejl ta’ bejn t-08 u d-09 ta’ Ottubru, 2008 minn gol-fond ‘Id-Dura’, Triq il-Wied, Zurrieq ikkommettew serq ta’ diversi affarijiet ghad-dannu ta’ Mario Sciberras ID no. 0562175M miz-Zurrieq, fosthom arma ta’ nar, cioe’ senter ta’ ghamla Benelli automatic numru ta’ serie: M 334369 liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-lok u l-valur li jeccedi mitejn u tlieta u tletin euro (233 Euro) izda anqas minn elfejn tlett mija u tletin euro (2330 Euro) u dan ai termini tal-Art. 261(b)(c)(e)(f), 267, 269(c) u 270 tal-Kodici Kriminali Kap 9 Ligi ta’ Malta.
2. Talli fil-lejl ta’ bejn 17 u 18 ta’ Ottubru, 2008 minn gol-fond Sqaq il-Ballott Zurrieq ikkommettew serq ta’ diversi affarijiet ghad-dannu Giovanni Asciak ID 0509554M miz-Zurrieq, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-lok u l-valur li jeccedi mitejn u tlieta u tletin euro (233 Euro) izda anqas minn elfejn tlett mija u tletin euro (2330 Euro) u dan ai termini tal-Art. 261(b)(c)(e)(f), 267, 269(c) u 270 tal-Kap. 9 Ligi ta’ Malta.
3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u/jew fil-granet ta’ wara dawn id-dati, f’dawn il-Gzejjer, xjentement xtraw jew laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew

xjentement, b'kull mod iehor li jkunu ndahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-lok, bil-hin u bil-valur u dan ai termini tal-Art. 334(a)(b) Kap 9 Ligi ta' Malta.

4. Talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi garrew, zammew jew kellhom fil-pussess taghhom arma ta' nar cioe' senter ta' ghamla Benelli awtomatika nru ta' serie: M 334369 minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija ta' Malta u dan ai termini ta' l-Art 5 (1) Kap 9 Ligi ta' Malta.
5. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess cirkostanzi, bhala persuna li gie fil-pussess ta' l-istess arma tan-nar u munizzjon, naqsu minnufih li jaghtu avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 17 ta' Mejju, 2010 (esebita a fol. 98) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 261, 263, 267, 269(c), 270, 278(1), 278(2), 278(3), 279(a), 280(1), 280(2), 281(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 261, 263, 267, 269(c), 270, 278(1), 278(2), 278(3), 279(a), 280(1), 280(2), 281(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikoli 5(1), 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikoli 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputati iddikjaraw li ma' kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom tinstema' bi procedura sommarja u jigi deciz minn din il-Qorti.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Rat li fis-seduta tat-28 t'Ottubru 2011, l-imputati irregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrihom.

Rat li fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2012, din il-Qorti wissiet lill-imputati bil-konsegwenza tal-ammissjoni taghhom u tathom hin sabiex jergghu jahsbuha, pero dan nonostante l-imputati regghu kkonfermaw li qed iwiegbu hatja ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet fuq il-piena.

Ikkunsidrat:

Mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tal-imputati stess, il-Qorti issibhom hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontrihom.

L-imputati huma hatja ta' zewg serqiet separati minn go zewg irziezet:

1. wahda fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 t'Ottubru 2008, ghad-dannu ta' Mario Sciberras u Emanuel Sciberras, u

2. l-ohra fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 t'Ottubru 2008, ghad-dannu ta' Giovanni Asciak.

Jigi rilevat li ghalkemm fic-citazzjoni, l-imputati kienu akkuzati b'reat kontinwat, fl-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali ma hemmx inkluz l-Artikolu 18 – l-Artikolu li jikkontempla r-reat kontinwat – u ghalhekk, dina l-Qorti hija prekluza milli issib lill-imputati hatja ta' reat kontinwat.

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel serqa, mill-Proces Verbal[1], mir-rapport tal-Pulizija,[2] u x-xhieda li taw Mario Sciberras u missieru Manuel Sciberras jirrizulta li insterqu s-segwenti:

1. mutur tal-bexx - €280.00
2. chainsaw - €233.00
3. senter ta' ghamla Benelli - €839.00
4. ghodda tal-idejn - €120.00
5. imterqa – li ma giex dikjarat il-valur taghha

[1] Ara Dok OD a fol. 64 tal-process.
[2] Ara Fol. 28 tal-process.

6. grinder - €186.00
7. magna tal-ghasir tal-gheneb - €121.00

Ghalhekk il-valur totali tal-oggetti misruqa huwa ta' circa €1779. Minn dawn l-oggetti kollha, l-imputati irritornaw biss l-ghodda tal-idejn (€120.00). Apparti l-aggravju tal-valur, dan is-serq huwa aggravat ukoll bil-hin, bil-mezz u bil-lok. Ghaldaqstant ai termini tal-Artikolu 278(3) tal-Kodici Kriminali, il-piena imsemmija fl-Artikolu 278(3) trid tizdied bi grad u ma tinghatax fil-*minimum* taghha, u allura huwa wkoll applikabbli l-Artikolu 20 tal-istess Kodici.[3]

Billi wiehed mill-oggetti misruqa f'din is-serqa huwa senter – l-imputati huma wkoll hatja minghajr licenjza tal-Kummissarju tal-Pulizija, ai termini tal-Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480.

Ghal dak li jirrigwarda it-tieni serqa, mir-rapport tal-Pulizija,[4] u x-xhieda li taw Nicholas Asciak u missieru Giovanni Asciak jirrizulta li insterqu s-segwenti:

1. mutur tal-bexx - €350.00
2. electric driller - €150.00
3. driller – ma giex indikat valur
4. jigsaw – ma giex indikat valur
5. grinder zghir – ma giex indikat valur
6. pompa tal-ilma - €200.00
7. jigger tal-elettriku - €198.00
8. jug tar-roti tal-hydrolic - €37.00
9. mini-motor - €233.00

Ghalhekk il-valur totali tal-oggetti misruqa huwa ta' circa €1168. L-imputati irritornaw hafna minn dawn l-oggetti, u mill-provi jirrizulta li ma gewx irritornati id-driller tal-elettriku (€150.00) u l-jigger tal-elettriku (€198.00). Apparti l-aggravju tal-valur, dan is-serq huwa aggravat ukoll bil-hin, bil-mezz u bil-lok. Ghaldaqstant bhal fil-kaz tal-ewwel serqa, ai termini tal-Artikolu 278(3) tal-Kodici

[3] L-Artikolu 20 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi *"Meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-minimum, il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum."*

[4] Ara Fol. 32 tal-process.

Kriminali, il-piena imsemmija fl-Artikolu 278(3) trid tizdied bi grad u ma tinghatax fil-*minimum* taghha, u allura huwa wkoll applikabbli l-Artikolu 20 tal-istess Kodici.[5]

Rigward ir-reat ta' recidiva kontemplat fl-Artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali, bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali jew ideali tar-reati, dan ir-reat huwa assorbit f'dak tas-serq.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li ghalkemm l-imputati ammettew ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom, huma ghamlu dan biss wara li l-prosekuzzjoni iddikjarat f'dawn il-proceduri li qed taghlaq il-provi, u fil-fatt kienet ippruvat il-kaz taghha il'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, u ghalhekk l-imputati xorta hlew l-hin u r-rizorsi tal-Pulizija u tal-Qorti, u m'ghandhom jibbenefikaw minn ebda riduzzjoni fil-piena.

Ghalkemm, kif diga inghad, l-imputati irritornaw uhud mill-oggetti misruqa qabel inbdew dawn il-proceduri, fl-opinjoni ta' dina l-Qorti huma ma jistghux jibbenefikaw mir-riduzzjoni fil-piena kontemplata fl-Artikolu 337(2) tal-Kodici Kriminali stante li huma ma irritornawx il-proprjeta kollha misruqa jew hallsu lill-partijiet offizi il-valur shih taghha qabel dawn il-proceduri. Pero, il-Qorti xorta se tiehu l-fatt li l-imputati irritornaw dak li setghu jirritornaw mill-oggetti li serqu, meta tigi biex tikkalibra l-piena.

Rigward il-piena, il-Qorti ikkunsidrat ukoll illi mill-fedina penali aggiornata tal-imputati jirrizulta li l-imputat William Farrugia ghandu kundanna wahda minn dawn il-Qrati rigwardanti l-ligijiet tal-licenzjar tal-vetturi. L-imputat Michael Farrugia ghandu zewg kundanni, wahda tikkoncerna l-ligijiet tas-sewqan, u ohra aktar ricenti ta' serq aggravat bil-mezz u l-hin. Ghalhekk jidher li z-zewg imputati jehtiegilhom l-ghajnuna sabiex ma jaqbdux it-triq tal-hajja kriminali.

**Konkluzjoni**

[5] L-Artikolu 20 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi *"Meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-minimum, il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum."*

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(b), (c), (e) u (f), 263, 267, 269(c), 270, 278(1), 278(2), 278(3), 279(a), 280(1), 280(2), 281(a) u (b), 334(a), l-artikoli 17, 20, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 5(1) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati hatja tar-reati kontemplati f'dawn l-artikoli u tikkundannhom ghal piena karcerarja ta' sentejn (2), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hatja, ihallsu is-somma ta' tminn mija u disa' u tletin Euro (€839.00) lil Mario Sciberras, is-somma ta' tminn mija u ghoxrin Euro (€820.00) lil Manuel Sciberras u s-somma ta' tlett mija u tmienja u erbghin Euro (€348) lil Giovanni Asciak, fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, rapprezentanti il-valur tal-oggetti misruqa lil dawn it-tlieta min-nies, u li ma gewx ritornati lilhom.

A tenur ta' l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda ma' din is-sentenza sospiza l-Qorti qed tqieghed lill-hatja taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien tlett snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqhom skont l-Ordni ta' Supervizzjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4), 28G(8) u 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hatja fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqsu milli josservawha, u cioe f'kaz li jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u/jew jekk jonqsu li jhallsu lill-partijiet offizi l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq, u/jew jekk jonqsu illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta' Supervizjoni.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tordna wkoll lil hatja ihallsu minnufih is-somma ta' tlett mija tnejn u tmenin Euro u seba' u tletin centezmu (€382.37) rapprezenanti l-ispejjez inkorsi ghall-hatra tal-esperti fl-inkjesta ta' wahda mis-serqiet.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------